MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2583/2002

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**Curio Café Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sittax-il lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm316.25) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici fl-2001.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha ddikjarat li:-

(a) m'hijiex il-legittimu kontradittur;
(b) ma tat l-ebda inkarigu biex xi hadd jikkuntratta f'isimha ma' terzi nkluz mas-socjeta attrici;

(c) Mhux debitur fl-ebda ammont versu l-istess socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:
1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sittax-il lira Malitja u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm316.25) ghal xoghol ta' reklamar li deher fir-rivista Gallarija tal-harga tal-11 ta' Novembru 2001 u tat-2 ta' Dicembru 2001.

2. It-Tribunal kellu l-opportunita jisma' lid-direttur [Dr. Joseph Portelli Demajo] tas-socjeta konvenuta jixhed bil-gurament fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2003 u jemmen li l-verzjoni tal-fatti moghtija mis-socjeta attrici hija hafna iktar kredibbli. Jigi osservat li:-

(a) M'huwiex verosimili li meta Dr. Joseph Portelli Demajo ffirma d-dokument a fol. 14 tal-process ma kienx jaf li qieghed jiffirma ghal ordni. Ma jirrizultax li dan id-dokument inhareg bhala "*proposal*" [skond kif iddikjara x-xhud], tant hu hekk li anke d-data meta kellu jidher l-artiklu hija ndikata [11 ta' Novembru 2002]. Dan apparti l-fatt li d-direttur tas-socjeta konvenuta ffirma hdejn il-kliem **Authorised By**, kliem li jaghti wiehed x'jifhem li l-ordni giet ikkonfermata.

(b) Ta' kull xahar is-socjeta konvenuta kienet qeghda tirc ievi *statements* u ma jirrizultax li Dr. Joseph Portelli Demajo ghan-nom tas-socjeta konvenuta kien ipprotesta ghall-hlas pretiz. Wiehed jifhem li min jippretendi li m'huwiex kreditur jiehu hsieb jaghmel xi haga u mhux jibqa' passiv.

(c) Ix-xhud qal li kien sorpriz meta deher l-ewwel artiklu. Madankollu kompla jghid li ma kienx jidhirlu li cempel fl-ufficcju tas-socjeta attrici biex jindaga kif gie ppubblikat dak l-artiklu. Atteggjament li mhuwiex normali ghal min ighid li m'ghamel l-ebda ordni.

3. Fuq kollox lanqas mhu verosimili li deheru r-reklami li kopja taghhom tidher a fol. 16 u 17 tal-process, minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta konvenuta. It-Tribunal huwa moralment konvint li sabiex deheru dawn ir-reklami, is-socjeta konvenuta kienet involuta fit-thejjija taghhom u kienet taf bihom. It-test li hemm fir-reklami zgur li ma giex imhejji mis-socjeta attrici minghajr ma nghatat l-informazzjoni mehtiega. Tant hu hekk li Karen Mifsud [gurnalista mas-socjeta attrici] ikkonfermat li qabel ma jigi ppubblikat l-artiklu tiltaqa' mal-klijent sabiex taghmillu ntervista.

4. Ghal dak li jikkoncerna l-hlas, huwa fatt li l-ewwel ordni [fol. 14] fiha ndikat prezz iktar gholi mit-tieni ordni [fol. 15]. Jibda biex jinghad li minn dawn id-dokumenti jirrizulta li l-ewwel ordni saret fuq faccata shiha u bil-kulur filwaqt li t-tieni ordni hadet nofs faccata u ma jidhirx li kienet il-kulur [ara dokument a fol. 15]. Meta wiehed iqabbel il-prezzijiet bejn reklam bil-kulur u *mono* [ara fol. 14 u 15], jidher li l-ammont ta' hlas li qieghed jintalab fuq l-artiklu li deher fil-11 ta' Novembru 2001 m'huwiex ezagerat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u sittax-il lira Malitja u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm316.25), bl-imghax.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------